LANDS Authority

**Dokumenti meħtieġa sabiex jinfeda Ċens Perpetwu MHUX Rivedibbli**

1. Qabel tiġi sottomessa din l-applikazzjoni, l-applikant irid ikun rikonoxxut bħala ċ-ċenswalist mal-Awtorita' tal-Artijiet. F'każ lill-applikant mhuwiex rikonoxxut jista' jagħmel t-talba permezz ta' applikazzjoni skont il-link: https://landsauthority.org.mt/services/application-forms/

2. L-applikant għandu jħallas l-arretrati kollha dovuti minnhu qabel ma tkun tista' tibda tiġi pproċessata l-applikazzjoni,

3. Ittra lill-Awtorita', fejn jintalab li jinfeda ċ-ċens impost fuq il-propjeta';

4. Kopja awtentikata tal-kuntratt tal-akkwist, kif ukoll tal-kuntratii kollha sal-kuntratt tal-konċessjoni enfitewtika.

5. Kopja tal-Karta tal-Identita' taċ-ċenswalita kollha kif ukoll tal-konjuġi rispettivi fil-każ ta' persuni miżżewġa;

6. Dikjarazzjoni min-Nutar dwar kemm huwa l-ammont ta' ċens dovut lill-Uffiċċju Konġunt, flimkien ma' dikjarazzjoni ġuramentata lill-kontenut kollu tal-applikazzjoni huwa veritier u li ma ħalla barra ebda informazzjoni jew fatti oħra relevanti u li permezz tagħhom, kieku dawn kienu magħrufa lill-Awtorita', l-applikazzjoni kienet tiġi rifjutata u miċħuda;

7. Jekk hemm subċens dovut lil terzi, kopja tal-kuntratt tal-fidi tas-subċens. F'każ li dan il-kuntratt tal-fidi tas-subċens ma sarx ikun għaqli jekk jinfeda s-subċens l-ewwel. Jekk mhux possibbli li dan isir, hemm bżonn lill-applikant jikkonsulta ma' Avukat fejn jingħata parir bil-miktub li bħala s-subutilist għandu d-dritt li jixtru d-dirett dominju u s-sussegwenti piena propjeta' mingħand il-Gvern ta' Malta u bl-għarfien tal-konsegwenzi legali kollha. Fl-istess parir l-Avukat għandu jeżenta lil kwalunkwe Nutar li jista' jippubblika l-kuntratt u kif ukoll lill-Gvern ta' Malta minn kull azzjoni u jew responsabilita' legali li tista' tittieħed mill-utilisti jew minn terzi minħabba l-fidi tad-dirett dominju minn mal-Gvern.

**Address:**
Auberge de Baviere,
St. Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

**Telephone:**
+356 2122 4016/7

**E-mail:**
info.la@landsauthority.org.mt

www.landsauthority.org.mt

8. Kopja tal-aħħar irċevuta ta' ħlas lill-Awtorita' tal-Artijiet;

9. Għandha tiġi sottomessa Land Registry Plan, debitament awtentikata minn Perit.

10. F'każ lill-propjeta' **MHUX** reġistrata, irid isir ħlas ta' €152 bħala spejjeż tal-pjanti u spejjeż ta' reġistrazzjoni mar-Reġistru tal-Artijiet sabiex tkun tista' tibda tiġi pproċessata l-applikazzjoni tal-fidi taċ-ċens. L-ammont dovut jitħallas mal-kuntratt tal-fidi.

11. F'każ lill-propjeta' hija diġa' reġistrata, irid isir ħlas ta' €52 bħala spejjeż ta' reġistrazzjoni tal-pjanti mar-Reġistru tal-Artijiet. L-ammont dovut jitħallas mal-kuntratt tal-fidi.

**Address:**
Auberge de Baviere,
St. Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

**Telephone:**
+356 2122 4016/7

**E-mail:**
info.la@landsauthority.org.mt

www.landsauthority.org.mt

LANDS Authority

- Isem u Kunjom___________________________________________________________
- Numru tat-Telefon u / jew Mowbajl_____________________________________________
- Indirizz Elettroniku________________________________________________________
- Numru tal-Fajl ___________________________________________________________
- Numru tal-Propjeta'_______________________________________________________

***L-INFORMAZZJONI MIĠBURA SER TINTUŻA SKONT IR-REGOLAMENT (EU) 2016/679 U IL-PROVVEDIMENTI TAL-ATT DWAR IL-PROTEZZJONI U PRIVATEZZA TAD-DATA 2018 (KAPITOLU 586 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)**

**Barra mill-prezz tal-fidi taċ-ċens li jikkonċernaw l-Awtorita' tal-Artijiet ser ikun hemm spejjeż oħra li jinkludu t-taxxa tal-boll u spejjeż amministrattivi.**

**Address:**
Auberge de Baviere,
St. Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

**Telephone:**
+356 2122 4016/7

**E-mail:**
info.la@landsauthority.org.mt

www.landsauthority.org.mt